MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2008

Numru 486/2006

Il-Pulizija
(Spettur Therese Sciberras)

vs

Steve Jason Muscat

Il-Qorti ,

Rat l-imputat Steve Jason Muscat ta’ 37 sena bin Vincent u Sylvia nee’ Borg mwieled Pieta’ fit-3 ta’ Frar 1969 u residenti 100, Triq Gafa Mosta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 49387(M) li gie mressaq quddiemha akkuzat talli-:

F’dawn il-gzejjer, nhar is-27 ta’ Settembru 2005 f’xi hin gol-Bajja tal-Ghadira fil-Mellieha ma obdiex l-ordnijiet leggittimi ta’ persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioe PS 635 A A. Calleja , PC 1403 A. Spiteri jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-

dmirijiet taghhom jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor.

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' nies inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci u l-bon ordni b'ghajjat, storbjuu/jew xorta ohra.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta' Ottubru 2006 (esebit *a folio* 19 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta ta' l-4 ta' April 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara  li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija registrata mill-imputat, il-fedina penali relattivament netta

ta’ l-istess imputat (esebita *a folio* 16 tal-process) u l-fatt li huwa skuza ruhu ghall-akkadut.

Ghal dawn il-motivi  wara li rat l-Artikoli 95,96 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta’ tlett mija u hamsin Ewro (350€)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------